MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 389/2003/1

**Joe Bonello**

**vs**

**Paul Farrugia u Joseph Farrugia**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Mejju, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat id-29 ta' Lulju tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu s-somma ta’ erbat elef u sitt Liri Maltin, u tlieta u tletin centezmu, (LM4,006.33,0), rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ konkos u materjal li jintuza ghall-bini li gie supplit lill-konvenuti skond “*invoice”* hawn annessa u mmarkata Dokument ‘A’;

2. Bl-ispejjez u bl-interessi mill-1 ta’ April tas-sena 2003 kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata s-16 t’Ottubru tas-sena 2003, li permezz taghha eccepew is-segwenti:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konkos mibjugh u supplit ma kienx tal-kwalita’ pattwita kif certifikat mill-kumpanija Harrison & Company (Malta) Limited li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A;

2. Illi mhux biss il-konvenuti m’ghandhom jaghtu xejn lill-attur imma l-attur huwa debitur taghhom ta’ spiza li huma soffrew ammontanti ghal erbat elef, mitejn, erbgha u hamsin Lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu, (LM4,254.22,0), u dan skond rapport tal-Perit Muscat Azzopardi hawn anness u mmarkat bhala Dok B stante illi sid il-post fejn ghamlu x-xoghol u cioe Frances Ciantar naqqsitilhom is-somma fuq imsemmija mill-hlas taghhom biex b’hekk huma gew li sofrew dawn id-danni minhabba tort u negligenza tal-attur;

3. Illi l-attur kien jaf illi x-xoghol tal-konkos mibjugh u supplit lill-konvenuti ma kienx tal-kwalita’ pattwita stante illi huwa kien prezenti waqt it-‘tests’ maghmula fil-laboratorju ta’ Harrison & Company (Malta) Limited;

4. Illi ghal din ir-raguni il-konvenuti m’ghandhom jaghtu xejn lill-attur waqt li l-attur huwa debitur taghhom fis-somma ta’ mitejn, sebgha u erbghin Lira Maltija u disgha u tmenin centezmu, (LM247.89,0), liema danni minnhom sofferti qed jigu reklamati f’kontro-talba appozita annessa ma’ dan l-avviz;

5. Salv eccezzjonijiet ohra;

6. Bl-ispejjez kollha kontra l-attur li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti Paul Farrugia u Joseph Farrugia ghat-talba tal-attur rikonvenzjonat datata wkoll is-16 t'Ottubru tas-sena 2003, fejn esponew is-segwenti:

1. Illi premess li l-attur rikonvenzjonat Joe Bonello biegh lill-konvenuti rikonvenzjonanti Paul Farrugia u Joseph Farrugia konkos u materjal ghall-bini, liema konkos ma kienx tal-kwalita' pattwita kif certifikat is-socjeta' Harrison & Company (Malta) Limited permezz ta' testijiet li ghalihom kien prezenti l-istess attur rikonvenzjonat Joe Bonello;

2. Illi premess li l-konvenuti rikonvenzjonati m'ghandhom jaghtu xejn lill-attur rikonvenzjonat izda huwa l-istess attur rikonvenzjonat li huwa debitur taghhom fis-somma ta' erbat elef mitejn erbgha u hamsin Lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu, (LM4,254.22,0), u dan skond rapport tal-Perit Muscat Azzopardi stante illi sid il-post fejn ghamlu x-xoghol u cioe' Frances Ciantar naqqsitilhom s-somma fuq imsemmija mill-hlas taghhom biex b'hekk huma gew li sofrew dawn id-danni minhabba tort u negligenza tal-attur rikonvenzjonat;

3. Jghid ghalhekk l-attur rikonvenzjonat Joe Bonello, ezercenti l-kummerc bhala J.B. Concrete Mix, ghaliex m'ghandux jigi minn dina l-qorti:

a. Dikjarat u deciz li l-attur rikonvenzjonat huwa responsabbli ghall-hlas tad-danni sofferti mill-konvenuti rikonvenzjonanti Paul Farrugia u Joseph Farrugia talli bieghhilhom u ssuplixxihom b'konkos u materjal li ma kienx tal-kwalita' pattwita li intuza fis-saqaf ta' Plot 4, fi Triq il-Labour u Triq il-Kuncizzjoni, Marsaxlokk propjeta' ta' MTP Limited f'Ottubru tas-sena 2001 u dan wara test maghmul appozitu minn Harrison & Company

(Malta) Limited skond certifikat (Dok. A.) u certifikat iehor rilaxxat mill-Perit Muscat Azzopardi (Dok. B.) u

b. Jigu likwidati l-istess danni jekk hemm bzonn bin-nomina ta' periti nominandi u

c. Ikkundannat ihallashom dik is-somma hekk likwidata;

3. Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-attur rikonvenzjonat ghas-subizzjoni, bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-hlas effettiv;

4. Illi l-valur tad-danni reklamati ma jeccedux l-erbat elef u tlett mitt Lira Maltin, (LM4,300.00,0);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat Joe Bonello datata t-12 ta' Novembru tas-sena 2003 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talba tal-konvenuti rikonvenzjonati mhix kompatibbli mal-kaz de quo peress illi fil-kaz ta' bejgh ta' oggett mobbli mhux tal-kwalita' pattwit, l-unika azzjoni li setghet tittiehed mill-konvenuti rikonvenzjonati kienet jew actio aestimatoria jew l-actio redhibitiria a tenur tal-artikolu 1427 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fit-tieni lok, f'kaz li jigi ritenut li l-azzjoni prezenti tikkonfigura f'wahda miz-zewg azzjonijiet imsemmija, l-azjoni rikonvenzjonata taghhom ma tistax tirnexxi billi huma ma rritornawx l-oggett lill-attur jew iddepozitawh taht l-awtorita' tal-Qorti u lanqas ma zammew l-oggett u talbu riduzzjoni fil-prezz kif kellhom jaghmlu a tenur tal-artikolu 1427 tal-Kodici Civili;

3. Illi, fit-tielet lok, minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja it-talbiet tal-konvenuti rikonvenzjonati huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi sabiex jigu rikjesti d-danni, dan jista' jsir biss a tenur tal-artikolu 1429 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn il-konvenuti rikonvenzjonati jridu jipprovaw illi l-attur rikonvenzjonat xjentament biegh konkos mhux tal-kwalita'

pattwit, haga li la giet premessa minnhom u sahansitra hija kategorikament michuda mill-attur;

4. Illi l-azzjoni hija tardiva stante illi fil-kaz ta' actio aestimatoria jew redhibitiria u kwalunkwe konsegwenti danni, t-terminu li fih il-konvenuti rikonvenzjonati setghu jippromwovu l-azzjoni taghhom kienet fi zmien ta' sitt xhur mid-data ta' meta l-konkos mixtri minnhom kien supplit u dan ai termini tal-artikolu 1431 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema zmien kien ilu li skada;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja t-talba tal-konvenuti rikonvenzjonati hi preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-bejgh sar f'Settembru 2001 u l-azzjoni rikonvenzjonanti giet ipprezentata fis-16 ta' Ottubru tas-sena 2003;

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja u fil-mertu t-talba tal-konvenuti rikonvenzjonati hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konkos supplit ma kien affett minn ebda difett. Illi l-eccipjent jikkontesta l-korrettezza tar-rizultanzi tat-testijiet allegatament maghmula minn Harrison and Company (Malta) Limited u wera tali kontestazzjoni a tempo vergine u meta insista li jsiru testijiet kif suppost u b'mod indipendenti huwa gie mwissi li jekk jersaq lejn il-bini in kwistjoni jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu u t-talba ghal dawn it-testijiet supplimentari ma gietx akkolta. F'kull kaz jidher illi anke l-kwalita' tat-test uzat ma jidhirx li kien wiehed idoneu;

7. F'kaz li jirrizulta li l-attur ghandu jwiegeb ghad-danni mitluba, l-ammont mitlub huwa esagerat u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

9. Bl-ispejjez;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ezaminat is-sottomissjonijiet skritti tal-partijiet fejn tiehu wkoll l-opportunita' tirrileva, li l-attur ipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu kif indikat fid-digriet appozitu datat it-22 ta' Marzu tas-sena 2005, filwaqt li l-konvenuti naqqsu li jipprezentaw in-nota taghhom kif tenuti fl-istess digriet hawn indikat;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti jistghu jigu sintetikament kompilati fil-mod segwenti:

1. Illi l-attur qed jitlob l-ammont indikat fl-avviz odjern bhala bilanc ghall-konkos u materjal iehor minnu supplit lill-konvenuti;

2. Illi effettivament l-istess attur, fix-xhieda tieghu tat-18 ta' Novembru tas-sena 2003, (ara fol 17), isostni li "l-ammont li qed nitlob … qed nitolbu ghall-ammont ta' concrete illi jiena ikkonsenjajtilhom";

3. Illi skond il-proprjetarja tal-fond fejn intuzat il-konsenja konkos in dizamina il-materjal li ntuza biex jinbena s-saqaf ma kienx skond is-sena u l-arti peress li dam biex jinxef; beda jitfarrak "qisu qubbajd", (ara fol 49), u zrar li thallat mieghu ma kienx skond dak rikjest;

4. Illi ghalhekk gie mitlub jaghti l-assistenza tieghu perit arkitett ta' esperjenza li ordna li jsiru testijiet xjentifici biex tigi stabbilita r-rezistenza u l-kwalita' ta' l-istess saqaf hekk kostruwit;

5. Illi rrizulta li s-saqaf kien kostruwit hazin u perikolanti u ghalhekk l-istess sid tat struzzjonijiet biex l-imsemmi saqaf jitkisser u jerga' jinbena mill-gdid;

6. Illi waqt li l-attur issuplixxa l-konkos involut, il-konvenuti bnew is-saqaf de quo bil-konkos lilhom fornit;

7. Illi la l-konkos irrizulta li ma kienx tal-kwalita' pattwita, il-konvenuti ma jhossuhomx obbligati li jhallsu ghall-konkos hazin lilhom fornit;

8. Illi in vista tal-premess il-konvenuti allura jissottomettu li b'rizultat dirett tas-suespost li ghalih hu responsabbli l-attur, qed jitolbu minghandu l-ammont ta' erbat elef, mitejn u erba' u hamsin Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu, (LM4,254.22,0), bhala danni minnhom sofferti;

9. Illi in oltre l-konvenuti rikonvenzjonati jallegaw ukoll li l-attur hu debitur taghhom fl-ammont ta' mitejn u seba' u erbghin Lira Maltin u disa' u tmenin centezmu, (LM247.89,0);

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-premess din il-qorti m'ghandha l-ebda raguni xjentifika ghalfejn tiddubita fl-analizi dettaljata kondotta mill-konvenuti li stabbiliet li s-saqaf in dizamina ma giex kostruwit skond is-sena u l-arti u ghalhekk kien addirittura ta' perikolu serju ghall-utenti;

Illi dan il-livell approssimattiv ta' kostruzzjoni hu kundannabbli u din il-qorti thossha obbligata tenfasizza dan l-aktar mod;

Illi ghalhekk hi l-opinjoni konsiderata taghha li fl-azzjonijiet taghha s-sid kienet mhux biss prudenti meta ma accettatx li tissubixxi tali sitwazzjoni li tisfjora l-frodi izda bl-azzjoni tempestiva taghha evitat sitwazzjoni li fil-futur setghet tirrizulta anke fatali;

Illi hi ukoll sodisfatta li l-ammont mitlub mill-konvenuti fil-kontrotalba taghhom hu assodat u verifikat fit-termini legali;

Ghadaqstant din il-qorti qed tirrespingi t-talbiet attrici kif kontenuti fl-avviz promotur u fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu kif rikonvenzjonat u takkolji l-eccezzjonijiet tal-

konvenuti flimkien mat-talbiet taghhom kif kontenuti fil-kontrotalba taghhom u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat Joe Bonello huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenuti rikonvenzjonanti Paul Farrugia u Joseph Farrugia talli l-imsemmi bonello bieghelhom u ssupplihom b'konkos u materjal li ma kienx tal-kwalita' pattwita li ntuza fis-saqaf ta' Plot 4, fi Triq il-Labour u fi Triq il-Kuncizzjoni, Marsaxlokk propjeta' ta' MTP Limited, f'Ottubru tas-sena 2001, u dan wara test maghmul appozitu minn Harrison & Company (Malta) Limited, kif certifikat mill-perit appozitu;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuti rikonvenzjonati fl-ammont komplessiv ta' erbat elef, hames mija u zewg Liri Maltin u hdax –il centezmu, (LM 4, 502.11,0);

3. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat Joe Bonello biex ihallas lill-konvenuti rikonvenzjonanti l-ammont hekk likwidat indikat fil-paragrafu precedenti, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi."

Fir-rikors ta' l-appell tieghu minn din is-sentenza l-attur jelenka dawn l-obbjezzjonijiet:-

(1) Is-sentenza appellata hija nulla billi l-ewwel Qorti naqset milli tippronunzja ruhha fuq l-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro-talba;

(2) L-ewwel Qorti mhux biss ma iddecidietx l-eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni b' kap separat izda addirittura injorathom;

(3) Is-sentenza hija *ultra petita* stante li dik il-Qorti kkundannatu jhallas ammont superjuri ghal dak miktub mill-konvenut fil-kontro-talba;

(4) Kien hemm lezjoni fil-konfront tieghu tal-principju tad-dritt naturali tas-smigh xieraq;

(5) L-ewwel Qorti applikat hazin il-ligi in kwantu din akkordat arrikkiment ingust lill-konvenut;

(6) L-ebda motivazzjoni ma giet provvduta ghaliex hu kellu jigi ritenut responsabbli ghall-hsarat allegatament sofferti mill-konvenuti;

Minn ezami, anke superficjali, tas-sentenza appellata huwa manifestament apparenti illi l-ewwel Qorti, kuntrarjament ghall-obbligu nkombenti fuqha, naqset ghal kollox milli tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sostantivi sollevati mill-appellanti biex jikkontesta l-kontro-talba tal-konvenuti. Eccezzjonijiet dawn inerenti ghall-istitut tal-kompra-vendita`, ko-involgenti x-xorta ta' azzjoni li kienet tispetta lill-konvenut rikonvenzjonant, u aspetti dwar it-termini preskrizzjonali a tenur ta' l-Artikoli 1431 u 2153 tal-Kodici Civili;

Ma jista' qatt ikun dubitat illi kull gudikant f' kawza ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b' mod li jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju. Id-decizjoni tieghu ghandha ghalhekk tikkontjeni, b' necessita` ritwali, trattazzjoni u decizjoni dwar "*i punti formali e principali dell' azione e dell' eccezione*" (**Kollez. Vol. V pagna 526**). Jekk xejn, biex il-kontendenti jkollhom almenu sodisfazzjon minimu tar-raguni li tkun waslet lill-gudikant ghad-decizjoni tieghu. Hu effettivament ben assodat f' numru ta' decizjonijiet illi l-process kellu jiggarantixxi mhux biss smigh xieraq lill-partijiet u l-opportunita` li jipproducu l-provi taghhom imma wkoll li huma jkunu jafu r-raguni ghaliex l-azzjoni jew l-eccezzjoni tkun qed tigi milqugha jew michuda. Intqal a propozitu mill-Qorti Kostituzzjonali illi "t-trasparenza fil-gudikati li taghti u ssahhah l-awtorita` taghhom tista' temergi biss minn motivazzjoni adegwata. Motivazzjoni li kellha tkun tali li fil-minimu kienet tissodisfa fuq kollox lill-partijiet in kawza fuq il-korrettezza fattwali u guridika tar-ragunijiet li wasslu ghad-decizjoni" ("**Gordon Agius -vs- Avukat Generali**", 20 ta' Dicembru 2000);

Minn dan jitnissel illi mhux sufficcjenti li fil-parti deciziva tas-sentenza jintuzaw espressjonijiet generici dikjaranti c-cahda ta' l-eccezzjonijiet, kif hekk sar f' dan il-kaz, imma kien proceduralment mehtieg illi s-sentenza tissodisfa l-element ta' motivazzjoni bazika li l-appellant kellu dritt ghaliha, kif hekk, wara kollox, jesigi l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12. Fir-rigward ta' certi eccezzjonijiet imressqa mill-appellanti, b' opposizzjoni ghal kontro-talba, dan l-element hu mankanti fil-parti razzjonali tas-sentenza tant li ma nsibu ebda pronunzjament *ad hoc* dwarhom;

Hemm imbaghad konsiderazzjonijiet ohra x' isiru. In-nuqqas ta' decizjoni dwar il-preskrizzjonijiet sollevati tikkostitiwixxi certament nullita` minhabba difett ta' forma fit-termini ta' l-Artikolu 730 tal-Kapitolu 12. Ara **Kollez. Vol. XXXV P I p 101**. Veru li skond l-ewwel parti ta' l-Artikolu 790 tal-Kapitolu 12 meta quddiem Qorti fi grad ta' appell tingieb 'il quddiem eccezzjoni tan-nullita` tas-sentenza appellata, din m' ghandhiex tintlaqa jekk is-sentenza tkun gusta fis-sustanza taghha. Ara **Kollez. XLVIII P I p 693**. F' dan il-kaz pero`, anke jekk stess din il-Qorti kellha tirricerka jekk fis-sustanza taghha s-sentenza hijiex gusta jew le, xorta wahda n-nullita` eccepita ma tistax tigi newtralizzata. Fir-rigward taghmel dawn ir-ir-riflessjonijiet:-

(1) Ibda biex l-istess Artikolu 790 jaghmel limitazzjoni ghall-proposizzjoni tal-ligi appena accennata dwar is-sustanza, gusta o meno, tas-sentenza. Dan billi fit-tieni parti tal-precitat dispost gie affermat illi l-Qorti ma taghmelx tali ezami jekk, *inter alia*, "is-sentenza ta' l-ewwel qorti hija *extra petita* jew *ultra petita* jew fuq kull difett iehor li jippregudika l-jedd ta' smigh xieraq";

(2) Dwar il-pregudizzju tas-smigh xieraq gja nghad *supra* illi n-nuqqas ta' motivazzjoni, riferibilment dwar uhud mill-eccezzjonijiet migjuba biex tikkontrasta t-talba rikonvenzjonali, kienet twassal ghall-vjolazzjoni ta' dan id-dritt. Hemm imbaghad ukoll il-fatt illi, kif konstatat mill-appellant f' aggravju iehor tieghu, l-ewwel Qorti

iddecediet *ultra petita* in kwantu llikwidat danni favur l-appellati f' ammont akbar minn dak mitlub minnhom fil-kontro-talba. Hekk filwaqt li l-appellati ddikjaraw li d-danni pretizi minnhom ma kienux jeccedu s-somma ta' erbat elef u tliet mitt lira Maltija (Lm4300) l-ewwel Qorti dan injoratu kif hekk ukoll skartat ic-cifra ta' erbat elef mitejn u erbgha u hamsin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm4254.22,0) stabbilita mill-Arkitett Ronald Muscat Azzopardi fir-rapport tieghu (fol. 61);

(3) Fuq kollox, il-fatt biss li l-ewwel Qorti ddecediet il-kawza bhallikieku l-eccezzjonijiet moghtija mill-appellant ghall-kontro-talba ma kienux jezistu huwa fil-fehma ta' din il-Qorti bizzejjed inidikattiv li s-sentenza ma tistax titqies gusta fis-sustanza taghha;

In vista ta' dawn ir-riflessjonijiet u konsiderazzjonijiet maghmula din il-Qorti tista' tieqaf hawn in kwantu jidhrilha li huwa l-kaz li l-Qorti tannulla s-sentenza.

Ghal dawn il-motivi, tiddikjara nulla u bla effett is-sentenza appellata u konsegwentement tordna li l-atti jigu rimessi lura lill-ewwel Qorti biex il-kawza tigi deciza skond il-ligi. L-ispejjez gudizzjarji kollha jitbatew nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------